Index No:_______________ ĊES25/1.13m-SEC25/1.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
## SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL

**SESSJONI MEJJU 2013/MAY 2013 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | I |
| DATA/DATE: | 18 ta' Mejju 2013/18th May 2013 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6.00 p.m. |

**Sezzjoni A (50 marka): Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section A (50 marks): Answer ALL the following questions. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. Il-Knisja tat diversi titli lil Marija, u anke ppreżentathom bħala dommi tal-fidi. Semmi tnejn (2) minnhom. (2 marki)
*1. The Church gave several titles to Our Lady, and it even presented them as dogma of faith. Mention two (2) of them. (2 marks)*

______________________________

______________________________

2. X'inhu l-ħsieb tal-Bibbja dwar l-ambjent? (marka)
*2. What is the Bible's teaching about the environment? (1 mark)*

______________________________

______________________________

______________________________

3. Agħti l-isem ta' żewġ Enċiklići/dokumenti importanti tal-Knisja dwar ix-xogħol. (2 marki)
*3. Give the titles of two important Encyclical letters/documents of the Church about work. (2 marks)*

i) ______________________________

ii) ______________________________

4. X'tara komuni bejn ir-reliġjonijiet kollha? (marka)
*4. What do you find common among all religions? (1 mark)*

______________________________

______________________________

______________________________

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

5. Liema hi t-tagħlima ewlenija fil-ġrajja tal-Eżodu? (marka)

*5. What is the main lesson in the Exodus narrative? (1 mark)*

____________________________________________________

____________________________________________________

6. Kif ir-raġuni tgħinna nsiru nafu lil Alla? (2 marki)

*6. How does reason help us to know God? (2 marks)*

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

7. Imla l-vojt f'din is-sentenza: "Jiena nqajjem mibegħda bejnek u ____________________, bejn nislek u __________________, u hu jisħaqlek _______________, int u tħebb għal ____________________." (Ġen 3: 15) (2 marki)

*7. Fill in the blanks in this sentence: "I will put enmity between you and __________________, between your offspring and ____________________, he will crush your____________, and you will strike_______________________." (Gen 3:15) (2 marks)*

8. Semmi liema kienu ż-żewġ mirakli li Alla għamel biex jitma' lill-poplu Lhudi fid-deżert wara li ħelishom mill-jasar tal-Eġittu. (2 marki)

*8. Mention the two miracles God made to feed the Jewish people in the desert after He set them free from the slavery of Egypt. (2 marks)*

i) ________________________________________________

ii) ________________________________________________

9. Fl-Ittra lil-Lhud insibu li "Alla dan l-aħħar kellimna permezz ta'Ibnu" (Lhud 1). Semmi tliet (3) personaġġi li Alla kien kellimna permezz tagħhom qabel il-Miġja ta' Kristu fostna. (3 marki)

*9. In the Letter to the Hebrews we find that "in these final days, God spoke to us through His Son" (Heb. 1). Name three (3) significant figures whom God had used to speak to us before the Coming of Christ among us. (3 marks)*

i) ________________________________________________

ii) ________________________________________________

iii) ________________________________________________

10. X'inhi l-Inkarnazzjoni ta’ Ġesù Kristu? (2 marki)
*10. What is Jesus Christ’s Incarnation? (2 marks)*

11. X’nifhmu meta ngħidu li Ġesù hu r-Ras tal-Poplu l-Ġdid ta’ Alla? (3 marki)
*11. What do we mean when we say that Jesus is the Head of the New People of God? (3 marks)*

12. Agħżel miraklu ta' fejqan li Ġesù wettaq, u rrakkonta l-ġrajja fil-qosor. (2 marki)
*12. Choose a healing miracle performed by Jesus, and narrate it in brief. (2 marks)*

13. Liema huma s-seba' Sagramenti li waqqaf Ġesù? (3 marki)
*13. Which are the seven Sacraments established by Jesus? (3 marks)*

14. Il-Knisja ta' Kristu hi (i) Qaddisa u (ii) Kattolika. Spjega dawn iż-żewġ kelmiet. (2 marki)
*14. The Church of Christ is (i) Holy and (ii) Catholic. Explain these two terms. (2 marks)*

i) __________

ii) __________

15. Semmi żewġ (2) ġrajjiet mill-Evanġelji li fihom Ġesù wera l-imħabba tiegħu lejn il-midinbin. (2 marki)

*15. Mention two (2) episodes from the Gospels in which Jesus showed His love towards sinners. (2 marks)*

i) ______________________________

ii) ______________________________

16. Għaliex il-Knisja qed issejjaħ is-Sagrament tal-Qrar ukoll bħala s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni? (2 marki)

*16. Why does the Church also refer to the Sacrament of Penance as the Sacrament of Reconciliation? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

17. Liema kien l-ewwel dnub tal-bniedem u kif wieġeb Alla għal dan id-dnub? (2 marki)

*17. Which was man's first sin and how did God react to this sin? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

18. Għaliex l-Ewkaristija hija l-ikbar fost is-Sagramenti? (2 marki)

*18. Why is the Eucharist the greatest of the Sacraments? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

19. L-ilma, il-libsa bajda, u x-xemgħa huma tliet simboli li jintużaw fil-Magħmudija biex jispjegaw xi wħud mill-effetti ta' dan is-Sagrament. Spjega dawn l-effetti. (3 marki)

*19. Water, the white dress, and the candle are three symbols which are used in Baptism to explain some of the effects of this Sacrament. Explain these effects. (3 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

20. Semmi tnejn mill-kundizzjonijiet li skont it-tagħlim Kattoliku jrid ikun hemm biex l-użu tal-armi fi gwerra jkun tollerat. (2 marki)
*20. Mention two conditions which according to the Catholic doctrine must be present so that the use of weapons in war is tollerated. (2 marks)*

i) ______________________________

ii) ______________________________

21. X'rabta hemm bejn is-Sagramenti tal-Magħmudija u l-Griżma tal-Isqof? (2 marki)
*21. What is the link between the Sacraments of Baptism and Confirmation? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

22. "Ma tistgħux taqdu lil Alla u`l-flus" (Mt. 6:24). Xi jrid ifisser Ġesù b'dan il-kliem? (2 marki)
*22. "You cannot serve both God and money" (Mt. 6:24). What does Jesus mean by these words? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

23. Għalfejn il-kotba kollha tal-Bibbja jitqiesu bħala ktieb wieħed? (marka)
*23. Why are all the books of the Bible considered as one book? (1 mark)*

______________________________

______________________________

24. Jekk il-bniedem ġie maħluq liberu, għalfejn ma jistax jagħmel li jrid? (2 marki)
*24. Since men were born free, why can't they do what they like? (2 marks)*

______________________________

______________________________

______________________________

25. Għalfejn l-Iskrittura ma fihiex żbalji? (2 marki)
*25. Why is Scripture free of errors? (2 marks)*

______________________________

______________________________

**Sezzjoni B (25 marka): Wieġeb dawn il-ħames mistoqsijiet b'paragrafu fuq kull waħda. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section B (25 marks): Answer these five questions by writing a paragraph on each. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. Uri liema tixbihat insibu bejn il-Ħaruf tal-Għid u Ġesù. (5 marki)
*1. Indicate the similarities found between the Paschal Lamb and Jesus. (5 marks)*

2. X'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hi l-Ġisem ta' Kristu? (5 marki)
*2. What do we understand when we say that the Church is the Body of Christ? (5 marks)*

3. X'inhi d-differenza bejn dnub venjali u dnub mejjet? Kif jinħafru d-dnubiet venjali u d-dnubiet mejta? (5 marki)

*3. What is the difference between a venial sin and a mortal sin? How are venial sins and mortal sins forgiven? (5 marks)*

4. Kif jista' n-Nisrani jifforma kuxjenza tajba? (5 marki)

*4. How can a Christian form a virtuous conscience? (5 marks)*

Jekk jogħġbok aqleb wara.
***Please turn the page.***

5. Għid kif ix-xogħol isaħħaħ is-solidarjetà bejn il-bnedmin. (5 marki)
*5. Explain how work can strengthen the solidarity among people. (5 marks)*

**Sezzjoni Ċ (25 marka): Aqra sew dawn is-siltiet u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwuhom. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Il-marki jidhru wara kull mistoqsija.**
***Section C (25 marks): Read these texts carefully and answer ALL the questions that follow. You can answer EITHER in English OR in Maltese. The marks are indicated at the end of each question.***

1. Rebħa permezz ta' Ġesù Kristu

"Dan il-ġisem jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx, jinżera' fid-dgħjufija, iqum fis-saħħa. Jinżera ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali ... Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem tal-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema ... Fejn hi, ja mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja mewt, in-niggieża tiegħek? ... Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu." (1 Kor 15:42-57)

*1. Victory through Jesus Christ*

*"What is sown is perishable, but what is raised is imperishable; what is sown is contemptible but what is raised is glorious; what is sown is weak, but what is raised is powerful; what is sown is a natural body; and what is raised is a spiritual body … As we have borne the likeness of the earthly man, so we shall bear the likeness of the heavenly one … Death, where is your victory? Death, where is your sting? … Thank God, then, for giving us the victory through Jesus Christ our Lord." (1 Cor 15:42-57)*

a. X' tgħallem il-Knisja dwar il-ġenna u l-infern? (2 marki)
*a. What does the Church teach about heaven and hell? (2 marks)*

b. Għaliex Alla ħalaq l-istat tal-purgatorju? (2 marki)
*b. Why did God create purgatory? (2 marks)*

c. Min jemmen f'Ġesù jħares lejn il-ġejjieni b'tama u b'kuraġġ. Spjega. (2 marki)
*c. Those who believe in Jesus look at their future with hope and fortitude. Explain. (2 marks)*

d. B'liema mod nistgħu ngħidu li l-ġudizzju tagħna qed isir issa? (2 marki)
*d. In what way can we say that our judgement is happening now? (2 marks)*

Jekk jogħġbok aqleb wara.
***Please turn the page.***

e. Għalfejn aħna l-Insara nemmnu li għad nirbħu saħansitra fuq il-mewt? Fuqiex nibnu dan it-twemmin tagħna? Din ir-rebħa nagħmluha biss wara li mmutu, jew nibdew ngħixuha minn issa fil-ħajja ta' kuljum? (2 marki)

*e. Why do we Christians believe that we are going to conquer even death? On what do we base this belief? Do we achieve this victory only after we die, or do we start experiencing it now in our daily life? (2 marks)*

2. Dak li għallem Ġesù għadu jinstema'.

Ma nistgħux inħallu l-melħ isir bla togħma jew li d-dawl jinħeba (ara Mt 5:13-16). Il-bnedmin tal-lum għadhom jistgħu jħossu l-bżonn li jmorru ħdejn il-bir bħalma għamlet il-mara Samaritana biex jisimgħu lil Ġesù jistedinhom jemmnu fih u jieħdu mill-ilma ħaj li joħroġ minnu (ara Ġw 4:14). Jeħtieġ niskopru mill-ġdid it-togħma tal-Kelma t'Alla li l-Knisja twasslilna b'fedeltà u mmantnu ruħna bil-Kelma tal-ħajja, li Ġesù offra lid-dixxipli tiegħu biex isostnihom (ara Ġw 6:51). Tabilħaqq, anki llum dak li għallem Ġesù għadu jinstema' bl-istess qawwa: "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:27). Il-mistoqsija li għamlulu dawk li kienu qed jisimgħuh hi l-istess waħda li nagħmlu aħna llum: "X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri t'Alla?" (Ġw 6:28). Nafu x'kienet it-tweġiba ta' Ġesù: "L-opra t'Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat" (Ġw 6:29). Mela, it-twemmin tagħna f'Ġesù Kristu hi t-triq li żgur twassalna għas-salvazzjoni. (Benedittu XVI, Ittra Appostolika dwar is-Sena tal-Fidi, Porta Fidei, par. 3)

*2. The teaching of Jesus still resounds.*

*We cannot accept that salt should become tasteless or the light be kept hidden (cf. Mt 5:13-16). The people of today can still experience the need to go to the well, like the Samaritan woman, in order to hear Jesus, who invites us to believe in him and to draw upon the source of living water welling up within him (cf. Jn 4:14). We must rediscover a taste for feeding ourselves on the word of God, faithfully handed down by the Church, and on the bread of life, offered as sustenance for his disciples (cf. Jn 6:51). Indeed, the teaching of Jesus still resounds in our day with the same power: "Do not labour for the food which perishes, but for the food which endures to eternal life" (Jn 6:27). The question posed by his listeners is the same that we ask today: "What must we do, to be doing the works of God?" (Jn 6:28). We know Jesus' reply: "This is the work of God, that you believe in him whom he has sent" (Jn 6:29). Belief in Jesus Christ, then, is the way to arrive definitively at salvation. (Benedict XVI, Apostolic Letter for the Indiction of the Year of Faith, Porta Fidei, par. 3)*

a. X'ried ifisser Ġesù meta qal lil Appostli biex ikunu l-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja? (3 marki)
*a. What did Jesus mean when He told the Apostles to be the salt of the earth and light of the world? (3 marks)*

b. B'liema modi nistgħu nkunu d-dawl tad-dinja llum il-ġurnata? (3 marki)
*b. In what ways can we be the light of the world today? (3 marks)*

c. Għalxiex kien qed jirreferi Ġesù meta lil Appostli qalilhom dan il-kliem: "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem"? (3 marki)
*c. What was Jesus referring to when He said these words to the Apostles: "Do not labour for the food which perishes, but for the food which endures to eternal life"? (3 marks)*

d. X'inhuma d-diffikultajiet li jsibu żgħażagħ fil-ħajja Nisranija tagħhom? (3 marki)
*d. What are the problems that young people find in their Christian life? (3 marks)*

Jekk jogħġbok aqleb wara.
***Please turn the page.***

e. Din is-sena, il-Knisja qegħdha tiċċelebra is-Sena tal-Fidi. Spjega kif din tista' tgħinek issaħħaħ il-fidi tiegħek. (3 marki)

*e. This year the Church is celebrating the Year of Faith. Explain how this can help you consolidate your faith. (3 marks)*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2013/MAY 2013 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIA |
| DATA/DATE: | 20 ta' Mejju 2013/20th May 2013 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6:00 p.m. |

**Din il-karta tiswa 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb TLIETA minn dawn il-ħames mistoqsijiet f'forma ta' esej. Kull mistoqsija tiswa 50 marka minn total ta' 150.**

***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer THREE of these five questions in essay format. Each question carries 50 marks out of a total of 150.***

**1. Il-Bibbja**
***1. The Bible***

a) Għalfejn in-Nisrani jemmen li l-Iskrittura hi l-Kelma t'Alla?
*Why does the Christian believe that Scripture is the Word of God?*

b) Fil-Ġenesi nsibu r-rakkont dwar il-Waqgħa tal-bniedem. L-awtur sagru kif jispjega din il-Waqgħa? X' kienu l-konsegwenzi li ħarġu minn din il-ġrajja?
*In Genesis we find narrated man's Fall. How does the sacred author explain this Fall? What were the consequences of this narration?*

c) Semmi żewġ personaġġi importanti mit-Testment il-Qadim, u spjega s-sehem li taw fl-istorja tas-Salvazzjoni.
*Mention two significant figures of the Old Testament, and explain their role in the History of Salvation.*

**2. Il-Libertà tal-Bniedem**
***2. The Freedom of Mankind***

a) Alla ta l-kmandamenti lil-Lhud biex jgħinuhom. Il-kmandamenti kif jgħinuna f'ħajjitna?
*God gave the commandments to the Hebrew People to help them. How do these commandments help us in our life?*

b) Ġesù ġabar il-kmandamenti kollha fi tnejn. Liema huma dawn iż-żewġ kmandamenti? Għalfejn dawn iż-żewġ kmandamenti jmorru flimkien?
*Jesus summarised all the commandments into two. Which are these two commandments? Why do these two commandments go together?*

c) Il-kmandamenti jżidu l-libertà jew inaqqsuha? Spjega t-tweġiba tiegħek.
*Do the commandments increase or diminish freedom? Explain your answer.*

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

**3. Il-Patt u l-Ewkaristija**
***3. The Covenant and the Eucharist***

a) Wara li Alla ħeles lill-poplu tiegħu mill-iskjavitù tal-Eġittu, daħal f'Patt miegħu. Kif seħħ dan il-Patt?
*After God set free His people from slavery in Egypt, He made a Covenant with them. How did this Covenant occur?*

b) X'rabta hemm bejn dan il-Patt il-Qadim li għadek kemm spjegajt, u l-Patt il-Ġdid li wettaq Ġesù?
*What relation is there between this Old Covenant which you have just explained, and the New Covenant that Jesus brought about?*

c) Liema huma t-taqsimiet ewlenin tal-Ewkaristija? Spjega r-rabta li hemm bejniethom.
*Which are the main parts of the Eucharist? Explain the relation between them.*

**4. Is-Suċċess fil-Ħajja**
***4. Success in Life***

a) Aħna nemmnu li Marija kisbet il-vera suċċess f'ħajjitha. Għalfejn ngħidu dan?
*We believe that Mary acquired the real success in Her life. Why do we say this?*

b) Meta Alla sejjaħ lil Marija, kif wieġbet u għexet din is-sejħa?
*When God chose Mary, how did She answer and live this call?*

c) Kif jista' n-Nisrani jilħaq l-ogħla stima u l-ogħla suċċess fil-ħajja?
*How can a Christian attain the highest esteem and the highest success in life?*

**5. Id-Dinja tax-Xogħol**
***5. Human Work***

a) Liema huma dawk l-affarijiet li wieħed għandu jikkonsidra qabel jagħżel il-karriera tiegħu, u kif jista' jipprepara ruħu għad-dinja tax-xogħol?
*What must one consider before choosing a career, and how does one prepare oneself for the work environment?*

b) Biex id-dinjità tal-persuna tiġi rrispettata, xi drittijiet għandu jkollha fuq il-post tax-xogħol?
*What are the rights that people must have at their place of work in order for their dignity to be respected?*

c) X'inhi l-missjoni tat-*trade unions*? Liema huma dawk il-kundizzjonijiet neċessarji biex *union* issejjaħ strajk li jkun ġustifikat?
*What is the mission of trade unions? Which are the necessary conditions for a union to call a justified strike?*

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE LEVEL**

**SESSJONI MEJJU 2013/MAY 2013 SESSION**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT/SUBJECT: | **IT-TAGĦLIM RELIĠJUŻ/RELIGIOUS KNOWLEDGE** |
| KARTA NUMRU/PAPER NO.: | IIB |
| DATA/DATE: | 20 ta' Mejju 2013/20th May 2013 |
| ĦIN/TIME: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m./4.00 p.m. to 6:00 p.m. |

**Din il-karta tiswa 60% tal-marki kollha tal-eżami. Tista' twieġeb bil-Malti JEW bl-Ingliż. Wieġeb GĦAXRA minn dawn l-14-il mistoqsija f'forma ta' paragrafu. Kull mistoqsija tiswa 15-il marka minn total ta' 150.**

***This paper carries 60% of the global mark of the exam. You can answer EITHER in English OR in Maltese. Answer TEN from these fourteen questions in paragraph format. Each question carries 15 marks out of a total of 150.***

1. Fil-Ġenesi nsibu l-Waqgħa tal-bniedem. Minn din il-ġrajja ħarġu diversi konsegwenzi. Tkellem dwar tlieta (3) minnhom.
   *In Genesis we find the Fall of man. We can derive several consequences from this episode. Explain three (3) of them.*

2. "Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem" (Mt 19:6). In-Nisrani kif għandu jinterpreta dan il-kliem ta' Ġesù?
   *"So they are no longer two, but one flesh. Therefore, what God has joined together, man must not separate" (Mt 19:6). How must the Christian interpret these words of Jesus?*

3. Fil-Patt il-Qadim, Alla ta l-kmandamenti lil Mosè. Għalfejn il-kmandamenti għadhom importanti fil-ġurnata tal-lum?
   *In the Old Covenant, God gave the commandments to Moses. Why are the commandments still important today?*

4. Ġesù wera li hu bniedem għax kellu sentimenti tassew umani. Semmi tliet (3) sentimenti, u fil-qosor spjega l-ġrajja ta' dawn l-esperjenzi.
   *Jesus proved that he is a man because he had real human sentiments. Mention three (3) sentiments, and briefly explain the story of these experiences.*

5. Hawn żagħżugħ li ħadem fil-ħanut ta' mastrudaxxa sakemm kellu tletin sena. Qatt ma kellu dar tiegħu. Qatt ma kellu familja. Qatt ma mar skola. Ma kellux kredenzjali ħlief lilu nnifsu. Kien għadu żagħżugħ meta n-nies daret kontrih. Ħbiebu ħarbu. Sallbuh bl-imsiemer bejn żewġ ħallelin. Meta miet, difnuh f'qabar li sellfuh. Dsatax-il mitt sena ġew u marru, u llum huwa mexxej tal-ikbar progress. Inkun żgur fis-sewwa jekk ngħid li kemm armati mmarċaw u kemm slaten irrenjaw, meħuda flimkien, ma kellhomx influwenza fuq il-ħajja tal-bniedem fuq l-art daqs din il-Ħajja Individwali Weħidha (awtur mhux magħruf).

   Mil-lat uman, x'kienu id-diffikultajiet li ltaqa' magħhom Ġesù meta għex fid-dinja? X'kien li għamlu l-ikbar mexxej ta' nies matul is-snin? Mill-għarfien li għandek dwar Ġesù, uri kif Hu kien ukoll Alla.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

*Here is a young man who worked in a carpenter shop until he was thirty. He never owned a home. He never had a family. He never went to college. He had no credentials but himself. While he was still a young man the tide of public opinion turned against him. His friends ran away. He was nailed to a cross between two thieves. When he was dead, he was laid in a borrowed grave. Nineteen centuries have come and gone, and today he is the leader of the column of progress. I am far within the mark when I say that all the armies that ever marched, and all the kings who ever reigned, put together, have not affected the life of man on earth as has this One Solitary Life (unknown author).*

*From a human point of view, what were the difficulties Jesus met with when He lived on earth? What made him the greatest leader of people throughout the years? From what you know about Jesus, show how He was also God.*

6. L-għotja sħiħa lil Alla tista' ssir b'wegħda pubblika li tissejjaħ "il-professjoni reliġjuża". Spjega l-istil tal-ħajja ta' dawn in-nies.
   *The complete surrender to God can be achieved by a public promise called "the religious profession". Explain the lifestyle of these people.*

7. Liema huma l-aktar punti importanti li għandna nżommu f'moħħna meta nerqsu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?
   *Which are the most important points which we have to keep in mind when we go to the Sacrament of Reconciliation?*

8. Spjega għalfejn hu importanti li qabel ma wieħed jieħu sehem fl-ikla tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, jipparteċipa fil-mejda tal-Kelma tiegħu.
   *Explain why is it important that before one participates in the eating of the Flesh and Blood of Christ, one must participate in the table of his Word.*

9. Corrie Boom kienet waħda min dawk li baqgħu ħajjin mill-kamp tal-konċentrament Nazista. Wara l-gwerra, hi daret l-Ewropa fejn tkellmet u ħeġġet nazzjonijiet rivali biex jaħfru lil xulxin. Lejl minnhom, wara li tat *talk* fi Munich, resaq raġel lejha u ta idejh bħala sinjal ta' rikonċiljazzjoni. Dan kien wieħed mill-aktar gwardjani li kien mibgħud f'dan il-kamp li kienet fih hi. Ma setgħetx toħodlu b'idu. Hi talbet "Ġesù, għini! Ma nistax naħfirlu!" Dak il-ħin, xi qawwa għolja għenitha teħodlu b'idu b'maħfra. (Mark Link, *Vision 2000, 210).*

   F' din il-ġrajja, qed naraw lil Corrie tgħallem dwar il-maħfra, iżda fil-mument tal-prova, hi sabitha diffiċli biex taħfer. Ġesù wkoll kellu esperjenza simili fil-ħajja tiegħu. Irrakkonta ġrajja mill-ħajja tiegħu li fiha Hu kellu kumbattiment biex jagħmel ir-rieda t'Alla.

   *Corrie Boom was a survivor of a Nazi concentration camp. After the war, she toured Europe giving talks, urging rival nations to forgive one another. One night, after a talk in Munich, a man came up and extended his hand in a gesture of reconciliation. He was one of the most hated guards of the camp she had been in. She couldn't take his hand. She prayed, "Jesus, help me! I can't forgive him!" Instantly, some higher power helped her to take his hand in forgiveness. (Mark Link, Vision 2000, 210).*

   *In this episode we see that Corrie teaches about forgiveness, but in the moment of truth, she found it difficult to forgive. Jesus too had a similar experience in his life. Narrate the story from His life in which He had to struggle to do God's will.*

10. Skont it-tagħlim tal-Knisja, ix-xogħol għandu aktar minn skop wieħed. Semmi u spjega tlieta (3) minn dawn l-iskopijiet.
*According to the teachings of the Church, work has more than one aim. Name and explain three (3) of these aims.*

11. X'għandu jagħmel in-Nisrani biex iqaddes il-jum tal-Ħadd?
*What must the Christian do to keep Sunday holy?*

12. Semmi personaġġ mit-Testment il-Qadim u ieħor mit-Testment il-Ġdid, u għid kif dawn ikkoperaw m'Alla fil-Pjan divin tiegħu.
*Name a significant figure from the Old Testament and another one from the New Testament, and say how they cooperated with God in His divine Plan.*

13. X'inhu l-proġett aħħari ta' Alla għal kull bniedem? X'għamel biex jgħinna nilħqu dan il-għan? X'irridu nagħmlu aħna kemm indumu fid-dinja biex nilħqu dan l-istess għan?
*What is God's final project for every man? What did He do to help us reach this aim? What must we do as long as we are in the world to reach this same aim?*

14. Kif tista' d-dinja b'tant diżordni, inġustizzji, gwerer, u inkwiet issir aħjar? Kif jista' n-Nisrani jgħin biex tinbena dinja ġdida kif jixtieqha Alla?
*How can the world become better with so much confusion, injustice, wars, and trouble? What can a Christian do to help build a new world as required by God?*